**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 13 ta` Lulju 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 836/2016 JZM**

**Ivan (Ivan-Maria) Hallet**
**KI 388171 M**

***kontra***

**Direttur Generali [Dwana]**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fit-<u>23 ta` Settembru 2016</u> li kien guramentat mir-rikorrent li jaqra hekk :–

*Illi r-rikorrent jahdem bhala freight forwarder;*

*Illi l-oggetti mehuda mill-pussess ta` Ivan Hallet nhar it-12 ta` Novembru 2015 huma kaxxex tal-inbid, kif ahjar dettaljatament jirrizultaw minn nota ta` qbid numru 162l2016 (Dok A);*

*Illi wara l-hrug tal-imsemmija nota ta` qbid ir-rikorrent baghat ittra ufficjali lill-Kontrollur tad-Dwana (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok B) fejn talab lijiehu l-oggetti lura;*

*Illi r-rikorrent kien qieghed igorr xoghol ghal klijent tieghu peress li huwa jahdem principalment fin-noll;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, in vista tal-premess jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara li l-oggetti msenmija fin-nota ta` qbid numru 162/2016 ma kellhomx jinqabdu.*

*2. Tordna lill-intimat Direttur Generali - Dwana biex jirrilaxxja l-oggetti msemmija fin-nota ta` qbid numru 162/2016 li huma mizmuma ghandu, u konsegwentament tawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-pussess tal-istess skont il-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta wkoll guramentat li kienet prezentata fit-28 ta` Ottubru 2016 li taqra hekk :-

*(I) In linea preliminari, l-esponent jirrileva li r-rikorrent ma utilizzax il-procedura korretta skont il-ligi fir-rigward ta` persuna li tixtieq tikkontesta Nota ta` Qbid kif stipulat fl-Artikolu 28 tal-Kap. 382 u l-Artikolu 73 tal-Kap. 37.*

*(II) Illi ai finijiet ta` kjarezza, l-esponent jirrileva li n-Nota ta` Qbid bin-numru ta` referenza 162/2016 li qed tigi kontestata permezz tal-*

*azzjoni odjerna telenka xorb u xorb alkoholiku li certament mhuwiex inbid kif qed jigi allegat fir-Rikors Promotur.*

*(III) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*(i) Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti :*

*Illi peremzz tan-Nota ta` Qbid li qed tigi kontestata permezz tal-azzjoni odjerna u li ghandha n-numru ta` Referenza 162/2016 datata 11 ta` Awwissu 2016, l-esponent qabad minn mahzen fil-Blata l-Bajda is-segwenti xorb u xorb alkoholiku;*

*a. Erba` mija, sitta u tletin (436) kaxxa b`sitt (6) fliexken ta` litru kull flixkun f`kull kaxxa - SMIRNOFF VODKA*

*b. Tnejn u disghin (92) kaxxa b`sitt (6) flixken ta` litru kull flixkun f`kull kaxxa - J&B WHISKY*

*c. Erba` mija u tmintax (418) kaxxa b`6 fliexken ta` litru kull flixkun f`kull kaxxa - BAILEYS*

*d. Wiehed u ghoxrin (21) kaxxa b`sitt (6) flixken ta` mitt (100)cl kull flixkun f`kull kaxxa - LIQUORE DI LIMONE*

*e. Hamsa u disghin (95) kaxxa b`sitt (6) flixken ta` litru kull flixkun f`kull kaxxa - MARTINI BIANCO*

*f. Mitejn u hamsa (205) kaxxa b`sitt (6) flixken ta` litru kull flixkun f`kull kaxxa - MARTINI ROSSO*

*g. Elfejn, disa mija u sittax (2,916) il-pakkett bi tnax (12) -il flixkun ta` hamsin (50)cl kull flixkun f`kull pakkett - SAN BENEDETTO THE`.*

*(ii) Illi jirrizulta minn spezzjoni li ghamlu l-ufficjali tad-Dwana, li fir-rigward tax-xorb imsemmi fl-istess lista li hu soggett ghar-regolamenti tal-Kap. 382 li jirregola prodotti soggetti ghad-Dazju tas-Sisa, li r-rikorrent Ivan Hallet naqas li jaghti kwalunkwe rendikont u/jew spjegazjoni gustifikata lill-awtorita` doganali Maltija meta nstab dan l-ammont sostanzjali ta` xorb u xorb alkoholiku fil-mahzen gestit minnu stess. Inoltre, jirrizulta wkoll li r-rikorrent Ivan Hallet mhux registrat mad-Dwana*

*Maltija sabiex jopera mahzen tas-Sisa u jahzen prodotti soggetti ghal dan id-dazju kif stipulat fil-Kap. 382.*

*(iii) Illi effettivament meta d-Dwana qabdet il-konsenja in kwistjoni u saru l-verifiki necessarji, irrizulta. li kien hemm evazjoni ta` hlas ta` dazju tas-Sisa u Taxxa fuq il-valur Mizjud bi ksur tal-Artiklu 60 (a) (b) (c) (k) tal-Kap. 37 u tal-Artiklu 17 (f ) (a) (d), kif ukoll tar-Regolament 13 tat-Taqsima B fis-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tat-Ligijiet ta` Malta kif gej :*

| *Valur minghajr Dazji / Taxxi :* | *Ammont ta` Dazju tas-Sisa :* | *Taxxa fuq il-Valur Mizjud :* |
|---|---|---|
| *a. € 11,772.00* | *€13,163.71* | *€ 4,488.43* |
| *b. € 3,538.32* | *€ 3,002.88* | *€ 1,177.42* |
| *c. € 21,945.00* | *€ 5,798.50* | *€ 4,993.83* |
| *d. € 945.00* | *€ 376.99* | *€ 237.96* |
| *e. € 1,835.40* | *€ 866.40* | *€ 486.32* |
| *f. € 3,960.60* | *€ 1,869.60* | *€ 1,049.44* |
| *g. <u>€ 9,914.40</u>* | *<u>€ 29.16</u>* | *<u>Xejn</u>* |
| ***Total €53,910.72*** | ***€25,107.24*** | ***€ 12,433.40*** |

*(iv) Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti, l-esponent joggezzjona ghat-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li kif se jirrizulta waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kaz odjern, l-esponent agixxa skont il-ligi f`cirkostanzi fejn ir-rikorrent inqabad, in flagrante jikser il-provvedimenti tal-Kap. 382 u 37 a skapitu tal-erarju pubbliku u a skapitu ta` negozjanti li josservaw il-ligijiet fiskali.*

*(v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra

## II. Provi

### 1. Xiehda

**Mario Galea**, Chief Inspector – Excise – gia` Manager fl-Enforcement Unit tad-Dwana – xehed illi f`Novembru 2015 saret tfittxija go mahzen tar-rikorrent fejn instabet kwantita` ta` xorb alkoholiku, inbid, ice-tea u Gatorade. Peress li ma kienx thallas dazju, il-merkanzija kienet elevata mill-ufficjali tad-Dwana ghall-investigazzjoni. Ix-xorb tqieghed fl-imhazen tad-Dwana sitwati l-Marsa. Ghal kull ma kien elevat harget ricevuta lir-rikorrent.

Kompla jixhed illi meta kien interrogat mill-ex Spettur tal-Pulizija Jonathan Ferris, ir-rikorrent ipprezenta zewg dokumenti tas-CMR li juru l-merkanizija li kienet qeghda tingarr. Huma dokumenti importanti hafna ghaliex jekk xufier jinqabad isuq minghajrhom, ix-xoghol li jkollu jigi kkonfiskat.

Qal illi dokument minnhom, dak bin-nru 0548 tal-5 ta` Ottubru 2015, kien jirreferi ghall-garr ta` 1260 Aqua San Benedetto, 600 Gatorade blu u 960 Gatorade orange. Ma` dan id-dokument kien hemm ricevuta fl-ammont ta` €94. Dan ix-xoghol kien impurtat fuq *trailer* targat TR 1354. Fuq dan ix-xorb kellha tithallas taxxa tas-sisa skont mizuri tal-budget li dahlu fis-sehh b`effett mit-13 ta` Ottubru 2015. Fuq ix-xorb alkoholiku elevat mill-mahzen tar-rikorrent ma kienx thallas dazju. Instabu wkoll xi fliexken tal-inbid ; biss fuq dan kien ghadu mhux dovut

hlas ta` dazju peress li l-mizura tal-budget li mponiet dazju fuq l-inbid kellha tidhol fis-sehh b`effett mill-1 ta` Jannar 2015.

Kompla jghid illi t-tieni dokument li gab ir-rikorrent, u cioe` dak bin-nru 0563 tat-8 ta` Ottubru 2015, kien jirreferi ghall-garr ta` 3150 San Benedetto Ice Tea. Ma` dan id-dokument kien hemm ricevuta fl-ammont ta` €94. Ix-xoghol kellu jigi mpurtat mit-*trailer* targat TR 1152.

Fisser illi r-rikorrent qal lill-Pulizija li t-*trailer* targat TR 1152 sofra hsarat fi Sqallija u fid-9 ta` Ottubru 2015 ix-xoghol tghabba fuq il-vann targat IBP 682. Ir-rikorrent qal ukoll li l-vettura targata IBP 682 kienet halliet Malta fid-9 ta` Ottubru 2015 u rritornat Malta dakinhar stess.

Xehed illi fuq l-informazzjoni moghtija mir-rikorrent id-Dwana ghamlet il-verifici taghha.

Stqarr illi ghalkemm il-vettura targata IBP 682 telqet minn Malta fid-9 ta` Ottubru 2015, ma rrizultax li din giet lura Malta dakinhar stess. Ma kienx hemm konferma la mill-Virtu Ferries u lanqas minn kumpanniji ohra ta` trasport bil-bahar. Irrizulta li dik il-vettura halliet Malta, vojta, fit-12 ta` Ottubru 2015 abbord bastiment rapprezentat minn Sullivan Maritime u giet lura bil-merkanzija fl-14 ta` Ottubru 2015. Irrizulta illi qabel it-12 ta` Ottubru 2015 dik il-vettura kienet telqet minn Malta fl-20 ta` Settembru 2015.

Ippreciza li l-merkanizja li nstabet ghand ir-rikorrent kienet tghajjat lil International Express Transport Limited li hija kumpanijja tar-rikorrent.

Xehed illi l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fl-14 ta` Ottubru 2015, u allura l-ghada li dahlet fis-sehh il-mizura tal-budget.

Stqarr illi r-rikorrent qal lill-ufficjali tad-Dwana li l-Ice Tea kien dahhal Malta fid-9 ta` Ottubru 2015. Madankollu ma rrizultax li l-vettura li garret l-Ice Tea kienet lura Malta fid-9 ta` Ottubru 2015.

Fisser li wara li saret investigazzjoni, li mexxew flimkien id-Dwana u l-Pulizija, irrizulta ghax fuq il-merkanzija ma thallsux l-imposti dovuti harget in-Nota ta` Qbid nru. 162/16.

Xehed illi r-rikorrent ma pprezentax dokumenti lill-ufficjali tad-Dwana bhala rendikont ta` meta l-merkanzija kellha tasal Malta. Minn ricerka li saret mill-ufficjali tad-Dwana rrizulta li l-mahzen minn fejn kien elevat ix-xorb ma kienx licenzjat sabiex jintuza bhala mahzen ghal xorb alkoholiku u xorb iehor li huwa regolat bil-Kap. 382. Ir-rikorrent lanqas ma kien registrat sabiex jagixxi bhala operatur ta` mahzen tas-Sisa.

**Carmel Farrugia** - Manager – Sezzjoni tas-Sisa – Dipartiment tad-Dwana – xehed illi huwa jiehu hsieb l-importazzjoni ta` xorb alkoholiku. Fit-12 ta` Ottubru 2015, hu u l-Manager (Infurzar) inghataw struzzjonijiet mid-Direttur Generali (Dwana) sabiex jaghmlu spezzjoni fil-mahzen in wksitjoni tar-rikorrent. Huwa kellu l-kompitu li jidentifika x-xorb li kien hemm fil-mahzen. Instab xorb alkoholiku, inbid, ice-tea u anke ilma. Il-kompitu tieghu kien limitat ghal li jistabilixxi jekk kinitx thallset *excise duty* fuq ix-xoghol. Innota li x-xorb alkoholiku kien minghajr it-tikketta tad-Dwana li jfisser li ma kinitx thallset *excise tax* fuqu. Spjega li ghalkemm b`effett mit-13 ta` Ottubru 2015 l-ice-tea kien sar soggett ghall-hlas tal-*excise duty*, dak il-prodott ma jkollux bolla fuqu. Billi l-kompitu tieghu kien limitat, huwa ma nvestigax ghaliex ma kenitx thallset taxxa.

**Jonathan Tabone** mill-Virtu Ferries xehed illi l-vettura targata IBP 682 telqet minn Malta nhar il-Gimgha 9 ta` Ottubru 2015 fl-4.00 a.m. abbord il-catamaran Jean De La Vallette dirett lejn Pozzallo. Ix-xufier tal-vettura kien Saviour Fenech. Dakinhar stess il-vettura u x-xufier kellhom prenotat biljett ta` ritorn, izda ma dehrux u ghalhekk ic-catamaran salpa minghajrhom. Ir-records tal-Virtu Ferries ghal dik il-gurnata juru *no show* kemm da parti ta` Saviour Fenech kif ukoll tal-vettura targata IBP 682. Jirrizulta li Fenech b`xi mod kien lura Malta dakinhar tad-9 ta` Ottubru 2015, ghaliex l-ghada, 10 ta` Ottubru 2015 rega` mbarka ruhu minn Malta fuq il-catamaran ghall-vjagg tat-8.00 a.m. jsuq vettura targata JBG 326. Fenech rega` lura lura Malta dakinhar stess b`vettura targata JBG 326. Sahaq illi Virtu Ferries tiehu hsieb taghmel il-verifiki taghha sabiex persuna registrata tkun

effettivament il-persuna li ser tkun passiggier fuq il-catamaran. Issir verifika li l-passaport jew dokument ufficjali iehor ikun jaqbel mal-biljett meta jsir *check in* tal-passiggier.

**Alfred Camilleri** - Segretarju Permanenti – Ministeru tal-Finanzi – xehed illi l-budget ghall-2016 inqara fil-Kamra tad-Deputati fit-13 ta` Ottubru 2015. B`effett minn dakinhar kienet imposta sisa ta` zewg centezmi fuq kull litru ta` Ice Tea.

**Mario Micallef** minn Sullivan Maritime Limited xehed illi huwa l-kap tas-sezzjoni li tiehu hsieb id-dokumentazzjoni u l-prenotazzjonijiet li taghmel il-kumpannija. Mid-dokumentazzjoni tal-imbark, jirrizulta li l-vettura targata IBP 682 telqet minn Malta fit-12 ta` Ottubru 2015. Spjega illi hdejn il-bastiment ikun hemm persuna apposta li timmarka kull min ikun tela` fuq il-vapur. Mil-listi li jinzammu mill-Valletta Gateway Terminal, jidher li l-vettura telghet abbord fit-12 ta` Ottubru 2015. Din il-vettura telghet fuq il-vapur EuroCargo Napoli dirett lejn Catania.

**Saviour sive Sunny Fenech** xehed illi bejn Marzu 2015 u Novembru 2015 huwa impjegat bhala *driver* u *delivery-person* mar-rikorrent. Xehed illi fl-ewwel nofs ta`Ottubru 2015 kien tela` bil-*box truck* targat IBP 682 mal-catamaran li jitlaq lejn Pozzallo nhar ta` Gimgha. Mar jiltaqa` ma` Mario Hallett li jigi hu r-rikorrent. Mario Hallett kellu l-hsara fit-trailer. Huwa mar Sqallija, ghabba hu stess l-Ice Tea fil-*box truck* targat IBP 682 u gie lura Malta fl-istess jum. Xehed illi l-post minn fejn ghabba l-Ice Tea kien jinsab madwar siegha boghod minn Pozzallo. Il-vjagg tar-ritorn kien bil-catamaran tal-Virtu` Ferries li wasal Malta wara nofsinhar. L-ghada s-Sibt rega` mar Sqallija b`vettura ohra, ghabba *general cargo* u nizel lura Malta dakinhar stess. Ipprezenta zewg *boarding cards* li jirreferu ghall-vjagg li ghamel hu fl-10 ta` Ottubru 2015 lejn u minn Pozzallo. Fuq *boarding card* minnhom hemm miktub in-numru tal-vettura GBJ 326 waqt li fuq il-*boarding card* l-ohra ma hemmx indikat in-numru tal-vettura. Fl-10 ta` Ottubru mar Pozzallo minn fejn ghadda *general cargo* konsistenti f`sapun tal-hwejjeg. Fost il-merkanzija li nizzel Malta fl-10 ta` Ottubru 2015 la kien hemm Ice Tea u lanqas xorb alkoholiku. Tajjeb jinghad illi d-*date of issue* tal-*boarding cards* hija 20 ta` Gunju 2016.

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa d-direttur tal-kumpannija International Express Transport Limited, li tiehu hsieb il-garr ta` merkanzija minn Sqallija ghal Malta, u tikkonsenja l-merkanzija

gewwa Malta ; gieli zzomm ukoll merkanzija ghall-klijenti taghha. Ix-xoghol li ggib Malta minn Sqallija jkun ordnat minn klijenti.

Xehed illi l-Ice Tea San Benedetto kien xoghol tieghu personali. Meta saret l-ispezzjoni mill-ufficjali tad-Dwana, dawn talbuh jurihom id-dokumenti tax-xoghol. Qal illi huwa ma jzommx id-dokumenti fil-mahzen izda fl-ufficcju tieghu. Spjega illi l-Ice Tea in kwistjoni kien wasal Malta qabel ma dahlu fis-sehh il-mizuri tal-budget fejn kienet imposta sisa. Gara illi t-trakk li kellu jgib ix-xoghol kellu l-hsara u kellu jinbidel b`iehor. Dan it-trakk tela` fuq il-catamaran il-Gimgha u gie lura Malta dakinhar stess. Madanakollu dan ma rrizultax fir-*records* tal-Virtu Ferries. Skont ir-rikorrent, Virtu Ferries ghandhom zball, ghaliex l-istess xufier jirrizulta li rega` mar Sqallija l-ghada s-Sibt. Ma jirrizultax li fil-jum tal-Gimgha x-xufier wasal lura Malta b`xi mezz iehor ta` trasport. Il-Gimgha kien maltemp u rih qawwi forza 7 u 8. Il-catamaran kellu jsalpa fis-7.00 a.m. izda minhabba l-maltemp spicca salpa fis-2.00 p.m. Konsegwenza ta` dan jista` jaghti l-kaz li ntilfu xi karti. Jirrizulta wkoll li l-istess trakk rega` telaq vojt lura lejn Sqallija minn Malta fil-jum tat-Tnejn. Sahaq ghalhekk li ma kienx hemm mod iehor ghat-trakk kif jasal Malta jekk mhux bil-catamaran. Ghalhekk ukoll l-Ice Tea wasal Malta qabel ma dahlu fis-sehh il-mizuri tal-budget.

Stqarr illi mal-Ice Tea kien hemm ukoll xorb Gatorade u ilma. L-ilma nghata lura ghaliex l-ufficjali tad-Dwana kienu sodisfatti li l-ilma kien dahal Malta qabel dahlu fis-sehh il-mizuri tal-budget in kwistjoni. Kompla stqarr illi mal-oggetti li nqabdu mid-Dwana kien hemm ukoll xorb alkoholiku, li kien ta` klijent Taljan li kienx mar jigbor il-merkanzija mill-mahzen tal-kumpannija. Kien jispetta lill-klijent illi jiddikjara x-xoghol mal-awtoritajiet.

Xehed li meta marru l-ufficjali tad-Dwana il-bieb tal-mahzen, li fih daqs ta` sitt metri b`sitt metri, kien miftuh. Li kieku kellu x`jahbi ma kienx ihalli l-bieb miftuh.

Fil-**kontroezami** xehed li kien gharraf lill-Pulizija li x-xoghol kien ta` klijent Taljan. Bl-imghallem huwa jaf li huwa responsabbli mill-merkanzija li tidhol u tohrog mill-mahzen tieghu. Meta tasal il-merkanzija ssir verifika ta` xi jkun wasal, u titqieghed fil-mahzen, sakemm issir il-konsenja jew billi tittiehed ghand il-klijent inkella jmur jigborha l-klijent. Ma jkunx jaf fiex tkun tikkonsisti l-merkanzija. Kull ma jkun jaf huwa l-isem tal-klijent. Huwa dan li jrid jara li jkun kopert b`permess tas-sisa u li jhallas l-imposti dovuti il-merkanzija. Hu

nvolut biss fil-garr u fiz-zamma tal-merkanzija ; l-uniku hlas li jircievi huwa ghat-trasport tal-merkanzija.

Kompla jghid illi l-*invoices* relattivi ghax-xorb elevat mill-ufficjali tad-Dwana kienu mwahhlin mal-*pellets* u kollox ittiehed mill-ufficjali tad-Dwana. Ix-xoghol tghabba Sqallija minn Dario di Stefano llum mejjet. Dwar il-klijent Taljan li kien is-sid tax-xoghol, stqarr illi dik kienet l-ewwel darba li dan il-klijent uza s-servizzi tieghu. La kien jaf min hu ; lanqas fejn joqghod. Cahad li meta rrilaxxja l-istqarrija lill-pulizija, qalilhom kien minn Catania. Sahaq li x-xoghol li tghabba minn Catania u wasal Malta ghandu dik il-gimgha stess li gie elevat. Fuq il-*pellets* ikun hemm id-dettalji tal-klijenti inkluz l-isem u n-numru tat-*telephone*. F`dan il-kaz l-ufficjali tad-Dwana elevaw il-merkanzija nkluz id-dokumentazzjoni mwahhla maghha. Peress li kien klijent gdid, ma zammx dettalji tieghu.

Xehed illi l-Ice Tea u l-ilma biss kienu propjeta` tieghu. Ipprezenta ricevuta li turi li kien sarr l-akkwist ta` Ice Tea San Benedetto minghand Pianeta Drinks srl fit-8 ta` Ottubru 2015. Il-merkanzija kellha tingabar minn Misterbianco biex tkun ikkonsenjata lill-kumpannija tieghu.

Stqarr illi saret il-kawza tal-lum sabiex jikseb ir-rilaxx tal-Ice Tea u l-ilma. Qal li huwa ma kellux jehel multi ghal xoghol li ma kienx tieghu b`referenza ghax-xorb alkoholiku.

Ikkonferma illi m`ghandux licenzja ta` *warehouse keeper* ghaliex m`ghandux bzonnha.

**<u>L-Ispettur Doriette Cuschieri</u>** mit-Tahdem ta` Kontra l-Frodi tal-Pulizija xehdet illi l-ufficjali tad-Dwana kienu sabu merkanzija fil-pussess tar-rikorrent u li fuqha ma kienx thallsu mposti dovuti. Il-merkanizja kienet go mahzen il-Blata il-Bajda. Ir-rikorrent kien qal li l-mahzen kien qieghed jissellfu minghand habib tieghu certu Joe. Il-Pulizija ghamlet il-verifiki taghha u sabet li ghall-mahzen kienet saret applikazzjoni mal-MEPA minn certu George Zahra. Ir-rikorrent ma kellux permess ta`*tax warehouse keeper*. Il-merkanzija giet elevata u saret investigazzjoni li wasslet sabiex ittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent, liema procedure ghadhom pendenti.

## 2. <u>L-istqarrija tar-rikorrent</u>

Fit-13 ta` Novembru 2015, ir-rikorrent irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija.

Fl-istqarrija r-rikorrent iddikjara li x-xorb kien ta` klijent Taljan li jghix Catania. Qal li ma kienx jaf x`jismu dan il-klijent. Dan il-klijent kien ilu ma jkellmu u kien anke tilef in-numru tat-*telephone* tieghu.

Mistoqsi ta` min kienu l-gatorade u l-ilma wiegeb li dawn huwa tieghu u li kien impurtahom fis-sajf.

Mistoqsi ta` min kien l-inbid ghazel li ma jwegibx.

Qal biss li dak kien stokk antik.

Jirrizulta wkoll mill-istqarrija li r-rikorrent kien ipprezenta fattura numru 2532 lid-Dwana f`isem Omar Aquilina sabiex id-Dwana tohrog favur ir-rikorrent l-ammont ta` 38,000 *excise stamp duty* li jitwahhlu ma` kull flixkun.

Fit-13 ta` Ottubru 2015 il-Pulizija elevat 12-il romblu b`2500 *excise tax stamp*. Ir-rikorrent qal lill-Pulizija li ma kienx wahhalhom ghaliex beza` li jinsteraq ix-xoghol li jkun diga` bl-*isticker* imwahhla. Inoltre qal li t-twahhil tal-i*sticke*r jinvolvi hafna xoghol. Ammetta li kellu ghandu 30,000 *sticker* li kien ghadu ma wahhalx.

Mill-pussess ta` r-rikorrent kienu elevati t-total ta` 26,538 flixkun inbid li kienu go 4423 kaxxi ta` sitt fliexken kull kaxxa.

Kien hemm diskrepanza ta` 3462 flixkun bejn l-i*stickers* li kien ghadu ma wahhalx u l-istokk fiziku li nstab fil-mahzen.

Ir-rikorrent wiegeb li ma jafx ghaliex kien hemm id-diskrepanza. Jista` jkun li l-fliexken insterqu.

Ir-rikorrent ikkonferma li meta nghata it-38,000 *sticker* l-ufficjali tad-Dwana kienu ghamlu *stock take* fejn l-ammont ta` *stickers* kien jaqbel mal-istokk fiziku fil-pussess tar-rikorrent.

Ghalkemm diversi kienu l-mistoqsijiet li ghamlet il-Pulizija, fl-istqarrija, ir-rikorrent ghazel li ma jwegibx ghal diversi minnhom.

## III. <u>L-ewwel (1) eccezzjoni</u>

**L-intimat eccepixxa <u>in linea preliminari</u> li r-rikorrent naqas milli jsegwi l-procedura a tenur tal-Art. 28 tal-Kap. 382 u l-Art. 73 tal-Kap. 37 meta gie biex jikkontesta n-nota ta` qbid nru. 162/2016.**

Il-kontestazzjoni tal-intimat iddur madwar il-fatt illi l-avviz previst b`dawn id-disposizzjonijiet ma kienx inghata f`waqtu kif trid il-ligi u cioe` fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-nota ta` qbid.

Bhala fatt in-nota ta` qbid kellha d-data tal-11 ta` Awwissu 2016 waqt li l-avviz tar-rikorrent li kien ser jikkontesta n-nota ta` qbid sar fit-23 ta` Settembru 2016 kontestwalment mal-presentata tar-rikors odjern.

Ghalkemm kien citat l-Art. 73 tal-Kap. 37, jidher li l-procedura ta` kontestazzjoni ta` nota ta` qbid tirrizulta fl-Art. 72 tal-Kap. 37.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet, l-intimat jirreferi ghall-procedura kontemplata fl-Art. 28 tal-Kap. 382.

**L-Art. 28 tal-Kap. 382** ighid :-

(1) *Kull min jippretendi li xi oggett maqbud ma kellux jigi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk izjed `il quddiem f`dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejha ``ir-rikorrent``) ghandu, fi zmien tletin jum mid-data tal-avviz tal-qbid jaghti avviz bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kummissarju.*

(2) *Ir-rikorrent ghandu, fi zmien tletin jum mid-data li fiha jkun inghata l-avviz, jibda procedimenti fil-qorti civili kompetentibiex jigi dikjarat li dawk l-oggetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jigi meqjus li t-talba tkun giet dezerta.*

**L-Art. 72 tal-Kap. 37** jaqra hekk :

(1) *Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-hati jew is-sid, ta` oggetti suggetti ghal konfiska taht din l-Ordinanza, l-ufficjal li jaghmel il-qbid ghandu jaghti avviz bil-miktub ta` dan il-qbid u tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda, jekk maghruf, sew billi jaghti dan l-avviz lilu personalment jew b`ittra irregistrata indirizzata lilu jew imhollija fil-lok maghruf bhala l-ahhar li fih kien joqghod jew li kellu n-negozju tieghu f`Malta.*

(2) *Il-hwejjeg maqbuda taht din l-Ordinanza jitqiesu ikkonfiskati bis-sahha tal-ligi stess u jistghu jinbieghu jew jista` jsir bihom xort`ohra, kif jordna l-Ministru responsabbli ghad-Dwana, kemm-il darba dak li minghandu l-haga tkun giet maqbuda, jew sidha, jew xi hadd awtorizzat minnu, fi zmien tletin gurnata mill-qbid, ma jaghtix avviz bil-miktub lill-Kummissarju, li hu jitlob lura l-hwejjeg hekk maqbuda jew li bi*

*hsiebu jitlobhom lura ; f`dan il-kaz il-persuna li titlob lura l-hwejjeg maqbuda ghandha, fi zmien tletin gurnata minn dak l-avviz, tibda l-procediment mehtieg quddiem il-qorti civili kompetenti, skont il-valur tal-haga maqbuda, u, fin-nuqqas ta` dan il-jedd fuq din il-haga jitqies li gie mitluq.*

…

*(4) Meta qbid maghmul skont dan l-artikolu jigi kontestat skont is-subartikolu (2) tieghu, il-Kummissarju jista`, f`kull zmien, jekk jidhirlu li jkun hekk xieraq u minkejja li jkunu ghadhom ghaddejjin l-procedimenti li fihom ikun qed jigi kontestat, jikkunsinna kull oggett maqbud lil kull min jaghmel talba b`jedd li hekk kif dan ihallas lill-Kummissarju dik is-somma li l-Kummissarju jidhirlu li tkun adegwata u li ma tkunx taqbez dik li, fil-fehma tal-Kummissarju, tkun tirrapprezenta l-valur tal-oggett, maghdud kull dazju, imposta jew taxxa li jridu jithallsu fuqu u li ma jkunux thallsu jew hekk kif dan jaghti lill-Kummissarju dik il-garanzija accettabbli ghall-istess Kummissarju ghall-hlas ta` dik is-somma. Dik is-somma jew garanzija, skont il-kaz, ghandha tinzamm biex taghmel tajjeb ghal kull pretensjoni li jista` jintalab dwarha skont il-ligi u ghall-fini ta` kull procedimenti mehuda taht din l-Ordinanza dwar l-oggetti maqbuda, ghandha tirripprezenta u tissostitwixxi l-oggetti maqbuda msemmija.*

**Il-Qorti tghid illi l-procedura odjerna hija naxxenti minn *lex specialis.* Min-natura taghha ghandha *strict application* b`kull terminu jitqies perentorju.**

Skont l-**<u>Art. 28(1) tal-Kap. 382</u>** avviz ta` kontestazzjoni ghandu jsir "*fi zmien tletin jum mid-<u>data tal-avviz tal-qbid</u>*".

Skont l-**<u>Art. 28(2) tal-Kap. 382</u>**, il-proceduri tad-dikjarazzjoni li l-oggetti ma kellhomx jinqabdu ghandhom jibdew "*fi zmien tletin jum <u>mid-data li fiha jkun inghata l-avviz</u>*".

Aktar iebes u rigidu minn hekk huwa l-**<u>Art. 72 tal-Kap. 37</u>** li jistabilixxi li l-avviz tal-kontestazzjoni ghall-qbid ghandu jinghata "*fi zmien tletin gurnata <u>mill-qbid</u>*" waqt illi l-proceduri ta` kontestazzjoni ghandhom jinbdew "*fi zmien tletin gurnata <u>minn dak l-avviz</u>*".

**Il-perjodi li jissemmew fl-Art. 28 tal-Kap. 382 u fl-Art. 72 tal-Kap. 37 huma termini ta` dekadenza. Id-differenza bejn it-tnejn hija filwaqt li fil-kaz tal-Art. 28 it-terminu jiskatta mid-data tal-hrug tal-avviz tal-qbid, fil-kaz tal-Art. 72 jibda jiddekorri mid-data tal-qbid.**

Ghalhekk id-dati f`kazi ta` din ix-xorta.

Fil-kaz tal-lum jirrizulta li :-

i. **<u>Fit-12 ta` Novembru 2015</u>** sar il-qbid.

ii. **<u>Fil-11 ta` Awwissu 2016</u>** harget in-Nota ta` Qbid Nru 162/2016.

iii. **<u>Fit-23 ta` Settembru 2016</u>** ir-rikorrentipprezenta ittra ufficjali fejn ikkontesta l-qbid. Kontestwalment ipprezenta r-rikors odjern.

**M`ghandux ikun hemm xrara ta` dubju li l-avviz ta` kontestazzjoni nghata mir-rikorrent bil-wisq <u>oltre</u> l-iskadenza ta` din id-data li kellu josserva skont l-Art. 72 tal-Kap. 37.**

**Mhux biss.**

**Izda lanqas ma kien osservat iz-zmien ndikat fl-Art. 28 tal-Kap. 382.**

**Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li l-avviz tal-qbid hareg fil-11 ta` Awwissu 2016, ir-rikorrentipprezenta l-kontestazzjoni tieghu bil-presentata ta` ittra ufficjali datata 23 ta` Settembru 2016. Mid-data tal-avviz tal-qbid, it-terminu ghall-kontestazzjoni skada fl-10 ta` Settembru 2016.**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu l-intimat jirrimarka li r-rikorrent kien tardiv bi tlieta u tletin jum ghaliex ghall-intimat dak li jghodd huwa li t-terminu beda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz lir-rikorrent sad-data tan-notifika tal-avviz lill-intimat.

Dwar din l-osservazzjoni, il-Qorti tghid biss illi fl-Art. 28(1) il-legislatur *expressis verbis* indika t-terminu bhala dekorribbli mid-data tal-avviz.

Il-Qorti tirreferi ghall-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fis-27 ta` Jannar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Paul Bezzina vs Direttur Generali (Dwana)</u>** fejn intqal dan dwar l-interpretazzjoni li ghandha tinghata ghall-fini tad-dekorrenza tat-terminu stipulat fl-Art. 28(2) tal-Kap. 382.

Il-Qorti qalet hekk :-

> "*Lanqas ma huma accettabbli l-argumenti tal-appellant li ma setax ikollu kontroll fuq fatti li ma kienux jiddependu fuqu u dan ghaliex l-Art. 28(2) tal-Kap. 382 jipprovdi li terminu ta` tletin jum jibda jiddekorri "mid-data li fiha jkun inghata l-avviz" (sottolinear tal-Qorti)* ***u mhux mid-data li fiha jkun ricevut l-avviz***."

**Din hija direzzjoni gurisprudenzjali cara u inekwivoka.**

**Ghal din il-Qorti, dan l-insenjament ghandu jghodd <u>ukoll</u> ghall-fini tal-Art. 28(1) meta tqis illi l-legislatur hemm indika *senza se e senza ma* li t-terminu ghandu jiddekorri mid-data tal-avviz, u allura mid-data tal-<u>hrug</u> tal-avviz u mhux mid-data tan-<u>notifika</u> tal-avviz.**

**L-eccezzjoni hija fondata u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimat, tiddikjara perenta l-azzjoni tar-rikorrent, u tichad it-talbiet tar-rikorrent, spejjez ghar-rikorrent.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**